MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 894/1997/1

Yvonne Grima
vs
Chief Government Medical Officer (Dipartiment tas-Sahha) Chairman Malta International Airport Limited u b'digriet tal-24 ta' Novembru 1999 gie korrett ghal Malta International Airport p.l.c., Segretarju Permanenti u/jew id-Direttur Generali, Dipartiment ta' l-Intern

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrenti sofriet ingustizzja billi ma gietx moghtija mpjieg li kien jisthoqqilha, minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Illi r-rikorrenti kienet impjegata ‘part-time’ mal-Korporazzjoni Enemalta taghmel xoghol ta’ Telephone Operator.

Illi permezz ta’ ittra datata 24 ta’ Awissu 1987 r-rikorrenti kienet giet avzata illi kienet qed tigi mwaqqfa mix-xoghol part-time taghha, liema xoghol kien gie deskritt bhala ta’ “Charwoman” minkejja li r-rikorrenti qatt ma kienet ghamlet dan ix-xoghol izda zdiet id-dmirijiet ta’ Telephone Operator.

Illi matul il-perjodu li kienet qed tirregistra, r-rikorrenti attendiet ghal diversi korsijiet taht l-awspici tal-Employment & Training Corporation, kif jirrizulta anke mic-certifikati tal-attendenza li kopji taghhom gew annessi u mmarkati Dokument A, B, u C.

Illi matul l-istess perjodu, ir-rikorrenti kienet giet mibghuta ghal tlett interviews mill-Employement & Training Corporation, bl-iskop illi ssib xoghol regolari, liema interviews saru mid-Dipartiment tas-Sahha, Malta International Airport Limited u d-Dipartiment tal-Intern li tahtu kien jaqa’ l-Habs Civili (Ara Dok D, E, F u G).

Illi r-rikorrenti kienet attendiet ghal dawn l-interviews kollha izda, minkejja li kellha l-kwalifiki necessarji u anke hassitha li marret tajjeb fl-istess interviews, kienet baqghet ma nghatatx l-impieg.

Illi r-rikorrenti hasset li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex hija baqghet ma nghatatx l-impieg li kien jisthoqqilha, anzi r-rikorrenti ssostni li dan kien gara x’aktarx ghal mottivi politici.

Illi b’konsegwenza tal-ingustizzja li kienet sofriet, apparti tbatija morali, r-rikorrenti kienet sofriet telf finanzjarju konsistenti f’telf ta’ paga peress li ghalkemm kellha l-kwalifiki kollha necessarji xorta baqghet ma nghatax l-impjieg li kien jisthoqqilha mill-intimati.

Illi b’hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997, r-rikorrenti fil-perjodu fuq indikat, kienet garrbet ingustizzja u dana

b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li kienet saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew li minhabba fiha kienet garrbet inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimati.

Illi biex issostni l-ilment taghha, r-rikorrenti kienet ser tressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu, wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrenti, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi tinghata rimedju lir-rikorrenti billi:

1) jigi dikjarat li hija kienet eligibbli u kien jisthoqqilha tinghata impjieg mal-intimati fiz-zmien li ntbaghtet mill-ETC ghall-interview mal-intimati.

2) tithallas kumpens relattiv ghall-ammont li tilfet f'pagi miz-zmien li kien jisthoqqilha tinghata impjieg mill-intimati.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrenti talbet li tigi ordnata li jithallas lilha kumpens fl-ammont ta' Lm5,000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5,000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti flimkien mad-dokumenti annessi.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' Chairman Malta International Airport Limited u ghal kull buon fini ta' Malta International Airport p.l.c. (gia Malta International Airport Ltd.) li eccepew:

1. Illi, preliminarjament, il-kumpanija intimata kien jisimha "Malta International Airport Limited" u mill-1 ta' Awissu, 1997 l-istess kumpanija ikkonformat mall-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji (Att XXV tal-1995) u minn dik id-

data isem il-kumpanija intimata sar u ghadu Malta International Airport p.l.c. (Dokument 1).

2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ic-Chairman Malta International Airport Limited mhux il-legittimu kontradittur dawn il-proceduri.

3. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-ilment tar-rikorrenti kien dirett kontra l-Malta International Airport p.l.c. (gia Malta International Airport Limited) gie rilevat illi r-rappresentanza ta' din il-kumpanija kienet vestita f'zewg diretturi flimkien (artikolu 8 tal-Memorandum & Articles of Association Dokument "B") u ghalhekk, ir-rikors odjern huwa irritu u null.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kumpanija intimata tichad li kienet saret xi diskriminazzjoni fl-ghoti tal-impiegi wara l-intervisti li ghalihom qed tirreferi r-rikorrenti.

5. Illi dejjem fil-mertu il-kumpanija intimata tichad bl-aktar mod kategoriku li f'ghoti tal-impjiegi qatt ittiehdu minnha xi kunsiderazzjonijiet ohra hlief dawk ta' mertu, disposizzjoni addattament u kwalifiki.

6. Illi ghall-intervisti li qed taghmel ghalihom riferenza r-rikorrenti, gew mitluba jattendu mija u wiehed u hamsin (151) persuna li minnhom gew "shortlisted wiehed u ghoxrin (21) u li minnhom finalment gew offruti impieg tal-kumpanija rikorrenti ghaxar (10) persuni.

7. Illi minhabba n-natura tax-xoghol tas-"Security Assistants" mal-kumpanija intimata, ma kienx dak iz-zmien, mehtieg li tigi impjegata aktar minn persuna wahda tas-sess feminili, kif fil-fatt sar.

8. Illi ghall-kumpanija intimata, il-persuna tas-sess feminil li kienet giet maghzula kienet aktar addatta mir-rikorrenti abbazi tal-konsiderazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 aktar il-fuq.

9. Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jigu avvanzati waqt is-smiegh u trattazzjoni ta' dawn il-proceduri huwa sottomess illi t-talba rikorrenti hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tac-Chief Government Medical Officer li eccepixxa:

Illi l-Bord ta' l-Ghazla mahtur apposta sabiex jaghmel l-"interviews" lil 203 kandidat li attendew ghall-interview" fid-diskrezzjoni tieghu hass illi 14-il kandidat ma kellhomx ir-rekwiziti mehtiega sabiex iwettqu x-xoghol li ghalih kienu marru biex jaghmlu.
Illi d-decizjoni tal-bord ma kienet bl-ebda mod influwenzata mit-Tabib Principali tal-Gvern izda kienet decizjoni valida stante li fil-limiti tad-diskrezzjoni tal-Bord mahtur.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni tar-rikorrenti, talab lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet maghmula fir-rikors.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn ikkonfermat il-kontenut tar-rikors. Semmiet li bdiet tirregistra ghax-xoghol mill-1982, wara li spiccalha l-kuntratt mal-Brand International fejn kienet tahdem bix-shift. Wara sena, kienet dahlet tahdem part-time ma' tal-Konsumatur u wara hames snin tirregistra ghax-xoghol, dahhluha part-time

ma' kumpanija parastatali u tlett xhur wara li nbidel il-Gvern sabet ruhha barra u qatghuha mir-Registru u tellfuha l-'priority'.  Meta regghat bdiet tirregistra, regghet bdiet mill-bidu.  Hi baghtiet kemm psikologikament u kemm finanzjarjament.

Applikat ghal hafna impiegi u ghamlet hafna interviews, pero` qatt ma tawha xoghol.  Kienet iddisprata biex issib xoghol li marret tkellem lill-Prim Ministru.  Kienu baghtuha ghal interview ghal 'prison warden' izda ghalkemm kellha kors tas-'security' ma gietx maghzula.  Semmiet li dan il-kors ta' security kien organizzat mill-ETC u kien sar darba biss u hi kienet giet mibghuta mill-ETC. Semmiet li ma kelliex esperjenza fl-Aviation Security u li fl-ahhar tal-kors kienet ghamlet xi ezami.  Kienet ukoll ghamlet zewg korsijiet biex itejjeb il-kwalifiki taghha.

L-ETC kienu baghtuha ghal interview il-Health Department izda ma gietx impjegata.  Semmiet li ma kinetx imliet xi sejha ghall-applikazzjoni izda kienu talbuha l-ETC biex tmur ghall-interview.  Semmiet li ghamlet interview l-Malta International Airport ghax riedu nies fis-security section izda ma rceviet l-ebda risposta.  Din kienet mibghuta wkoll mill-ETC.  Qalet li lill-MIA ma prezentatx ic-certifikat tal-kors ghax f'dak iz-zmien kienet ghadha qed issegwi l-kors.

Qalet li kienet kitbet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u spjegatlu s-sitwazzjoni li kienet fiha.  F'Jannar irceviet ittra minghand is-Segretarju tal-Ministru, u l-ghada marru l-ETC.  Ghalkemm kienu kellmu lil Head ta' l-ETC Jackie Whitticare baqghat fl-istess sitwazzjoni.  Semmiet li anke ghamlet interview il-Freeport izda ma hadet ebda twegiba.  Esebiet dokument li jikkonsisti fin-noti li tqassmu fil-kors ta' security.

Xehed Thomas Sammut rapprezentant tal-ETC fejn semma li r-rikorrenti kienet ilha tirregistra mit-2 ta' Settembru 1987 u ghadha tirregistra sal-lum.  Semma li r-rikorrenti attendiet ghal zewg courses li huma life skills course kif ukoll telephone skills and customer care course.  Matul l-istess perjodu r-rikorrenti ntbaghtet f'sitt

postijiet biex taqbad tahdem. Fl-1992 l-ETC kienu baghtu lir-rikorrenti ghall-interview ghal Ward Clerical Assistant kif ukoll mal-MIA bhala security frisker. Wara dawn iz-zewg interviews ir-rikorrent xorta baqghet tirregistra u kienet tirregistra ghal security frisker kif ukoll bhala telephone operator. Qal li l-kors ta’ security officer ir-rikorrenti ma kinetx komplietu sa l-ahhar. Fir-rigward tas-security Grima ma segwietx kors mal-ETC izda segwiet kors ta’ dan it-tip ma’ l-International Fire and Safety Training School. Dan ma kienx organizzat in conjunction ma’ l-ETC. Fl-1992 hija kienet qed tirregistra ghal security officer kif ukoll ghal telephone operator. Semma li llum il-gurnata r-rikorrenti qed tirregistra bhala telephone operator, care worker u kif ukoll messenger.

Xehed Alfred Mangion Division Manager Human Resources fl-MIA li kkonferma paragarafu 6 u 7 tar-risposta tal-MIA. Rigward il-paragrafu 8 ikkonferma l-kontenut u qal li kien anke membru fuq l-interviewing board. Semma li ma ftakarx izda ma eskludiex li Yvonne Grima dehret quddiem l-interviewing bord.

Xehed Frank Attard rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sahha li semma li r-rikorrent kienet applikat ghal Casual Ward Clerk mad-Dipartiment tas-Sahha u giet fil-195 post. Kienu ghaddew 186 izda ma jafx kemm intghazlu. Qal li r-rikorrent kienet gabet 44 marka minn 100 u ghalhekk ma kienetx ghaddiet.

Semma li dehrlu li kien hemm htiega ta' 200 u li din ma kinitx sejha ghall-applikazzjoni normali. L-ETC kienu baghtulhom lista ta' 200 persuna u dawn kienu gew sottomessi ghall-interview. Il-kriterji li fuqhom inghataw il-marki kienu personality, kwalifiki, suitability u experience. Mid-dokumenti li kellu ma rrizultalux ghal kull kriterju kemm gabet marki r-rikorrenti. Il-persuni li kienu jiffurmaw parti mill-Bord kienu kollha persuni nominati mid-Dipartiment tas-Sahha.

Eesebixxa l-kopja tar-rizultat u t-talba tad-Dipartiment tas-Sahha lill-ETC biex tintbaghat lista ta' nies li jkunu sottomessi ghall-intervista ghall-grad ta' Casual Ward

Clerk. Wara harget Call fil-Government Gazette biex isiru tal-post. Il-Casual Ward Clerks setghu japplikaw u fil-fatt applikaw. Ma jafx jekk kienx hemm min applika minn dawk il-persuni li kienu ntaghzlu mill-lista ta' l-ETC.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti kienet applikat ghal tliet postijiet u cioe` ta' Security Assistant mal-Malta International Airport, ta' Casual Ward Clerk mad-Dipartiment tas-Sahha u ta' Prison Warder mad-Dipartiment tal-Intern. Dawn hargu fil-kors tal-kawza ghax mir-rikors ma rrizultax ezattament li kienet applikat ghal dawn il-karigi. Izda t-Tribunal sejjer xorta wahda jezamina dawn l-aspetti. Jinghad ukoll li r-rikorrenti kienet ghamlet life skills course, telephone skills and customer care course u parti kbira ta' course ta' security officer li pero` ma komplitux sal-ahhar. Kull wahda mill-applikazzjonijiet trid tigi ezaminata separatament. L-ewwel li sejra tigi kunsidrata hija dik mal-MIA. Jinghad li l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-MIA gew irtirati fl-24 ta' Novembru 1999 waqt li dwar it-tielet eccezzjoni din m' ghadhiex aktar applikabbli wara l-korrezzjoni degretata fl-istess data. L-eccezzjonijiet 4 sa 9 huma riferibbli ghall-mertu fejn bazikament jinghad li applikaw 151 persuna, gew shortlisted 21, 10 persuni gew offruti impjieg fejn ma kienx necessarju li tigi impjegata aktar minn wahda tas-sess femminili kif fil-fatt sar. Il-kumpanija eccepiet li dawk li ntaghzlu gew maghzula fuq il-kriterji biss ta' mertu, dispozizzjoni, adattament u kwalifiki. Ma saret ebda prova mir-rikorrenti li hi kienet b' xi mod aktar kwalifikata minn dik il-persuna li ntaghzlet u fil-fatt ma gie prezentat ebda breakdown ta' marki u b' ebda mod la indikat l-isem tal-persuna l-ohra jew xi kwalifiki kellha. Ghalhekk certament it-Tribunal ma jistax isib li r-rizultat xi ingustizzja dwar dan l-aspett. Ghalhekk f' dan il-kaz it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

It-tieni aspett tal-ilment huwa dwar il-Casual Ward Clerk mad-Dipartiment tas-Sahha. Ir-rikorrenti giet fil-195 pozizzjoni u kienu ghaddew 186 meta r-rikorrenti gabet 44 marki minn 100. Hawnhekk il-kriterji kienu personality, kwalifiki, suitability u experience. Il-breakdown tal-marki

tar-rikorrenti jinstabu a fol 131. Ir-rikorrenti sostniet li ma nghatatx marka tajba izda ghaliex u fuq liema aspett anqas biss indikat. Ma semmiet ebda persuna li ghaddiet u kienet b' xi mod kwalifikata hija aktar minnha u ghalhekk kif jista' t-Tribunal isib li giet pruvata xi ingustizzja? Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti fuq dan l-aspett mhux pruvat.

Jibqa' t-tielet aspett tal-ilment u cioe` dwar Prison Warder mad-Dipartiment tal-Intern (Habs Civili). Hawnhekk verament ma hemm provi ta' xejn u t-Tribunal certament ma jistax jasal li saret xi ingustizzja.

It-Tribunal ma jistax hlief jirrimarka li process ta' kwazi 200 faccata huwa biss mimli b' allegazzjonijiet li ma jwasslux ghall-provi. Huwa inutli li rikorrenti ssostni kemm hi kapaci jekk ma taghmilx prova cara li hi kienet superjuri ghal min fil-fatt inghata l-hatra jew promozzjoni skond il-kaz. It-Tribunal joqghod fuq fatti oggettivi u mhux allegazzjonijiet anke jekk dawn huma veri izda li ma jkunux sufficjentement pruvati. Fil-kaz in ezami jidher li l-kaz tar-rikorrenti huwa wiehed pjetuz meta hi baqghet bla impjieg ghal zmien twil izda dan mhux sufficjenti biex it-Tribunal isib provi ta' ingustizzja.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------